**136. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi:**

Din il-Kamra tinnota :

Illi fis-seduta ta' nhar il-Erbgħa 13 ta' Mejju (Seduta Nru 217), l-iSpeaker tat deċizjoni fuq l-ammissibilità ta' emenda għall-Mozzjoni tal-Aġġornament, liema emenda ġiet imressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni wara li ngħata avviż ta' tlett ijiem skond kif stipulat fl-Ordni Permanenti 22.

Illi skond id-deċiżjoni tal-iSpeaker, dik l-emenda ma setgħetx titressaq għaliex il-mozzjoni ta' I-aġġornament ma tistax tiġi emendata.

Illi I-emenda tal-Kap tal-Oppożizzjoni tressqet biex tkun tista' titkompla d-diskussjoni fuq ir-riżoluzzjoni dwar Malta u 1-Unjoni Ewropea (Mozzjoni Nru 76) li issa ilha quddiem din il-Kamra mill-15 ta' Ottubru 1997.

Illi huwa d-dmir tal-iSpeaker li tara illi d-diskussjoni fil-Parlament titkompla b'mod li din l-Istituzzjoni taqdi 1-funzjoni demokratika tagħha — prinċipju li għandu jiggwida lill-iSpeaker il-ħin kollu u mhux biss waqt li teżerċita l-*casting vote*.

Illi l-Gvern baqa' jirrifjuta li jressaq mozzjoni ta' proċedura mressqa mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni (Mozzjoni Nru 126) biex din il-Kamra tirriżumi d-diskussjoni f' ġurnata allokata għax-xogħol privat u dan skond l-Ordni Permanenti 8(2).

Illi huwa d-dmir tal-iSpeaker li tara illi dik il-mozzjoni titressaq u dan partikolarment fid-dawl ta' dak li jgħid 1-Ordni Permanenti 42 li wkoll isemmi li l-proċedura korretta titlob mozzjoni wara avviż.

Illi dan kollu ma seħħx anke jekk il-kwistjoni tqajment regolarment fil-laqgħat kollha tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra, liema Kumitat huwa presjedut mill-iSpeaker u għalhekk dan il-Parlament issa spiċċa b' Kumitat Permanenti li qieghed jiġi mxekkel fil-qadi tal-funzjoni tiegħu.

Illi bl-aġir tiegħu, il-Gvern qiegħed ripetutament iċaħħad lill-Oppożizzjoni u lill-membri l-oħra ta' din il-Kamra, id-dritt demokratiku li jesprimu ruħhom dwar il-mertu ta' din ir-riżoluzzjoni kif ukoll id-dmir li eventwalment jivvutaw fuqha biex il-Parlament jiddeċiedi dwar dak li hemm propost.

Illi l-Ordnijiet Permanenti ta' din il-Kamra jippermettu emendi għal kull mozzjoni li tista’ titressaq nkluż il-Mozzjoni tal-Aġġornament, sakemm dan isir bl-avviż rikjest, liema avviż hu biss eżentat fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Ordni Permanenti 35.

Illi għalhekk, l-emenda mressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni, saret skond kif mitlub mill-Ordnijiet Permanenti ta' din il-Kamra.

Illi fir-ruling tagħha l-iSpeaker għamlet riferenza għal dak li jgħid l-Erskine May iżda ma tat ebda konsiderazzjoni għal dak li jgħid l-Ordni Permanenti 197 u ċjoe li l-proċeduri wżati fil-*House of Commons* għandhom jiġu segwiti "safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni".

Illi fil-*House of Commons*, l-Oppożizzjoni hi garantita b'seduti u b'ħin allokat ghaliha u għax-xogħol privat kollu li jista’ jitressaq mill-membri li m'humiex membri tal-Gvern, filwaqt li fil-Parlament Malti, dan id-dritt qiegħed jiġi mċaħħad lill-Oppożizzjoni u lill membri li m'humiex membri tal-Gvern, għaliex il-Gvern stess qiegħed jirrifjuta li jressaq ix-xogħol privat li hemm pendenti u qiegħed jevita li jlaqqa' l-Parlament nhar ta' Ħamis meta x-xogħol ta' Membri Privati jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern skond 1-Ordni Permanenti 8.

Illi f'kull każ, jirriżulta bl-aktar mod ċar minn dak li jgħid l-Erskine May illi emenda li tqassar iż-żmien tal-aġġornament jew li tbiddel il-ħinijiet ta' 1-aġġornament hija ammissibbli fil-proċeduri wżati mill-House of Commons.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, u skond 1-Ordni Permanenti 62, din il-Kamra għandha tirrevedi d-deċizjoni mogħtija mill-iSpeaker fis-seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Mejju (Seduta Nru 217) u għandu jsir rapport fuqha mill-Kamra liema rapport għandu jiddikjara li emenda għal Mozzjoni ta' Aġġornament hija ammissibbli sakemm tipproponi t-tqassir taż-żmien jew it-tibdil tal-ħin li jkun ġie propost fil-Mozzjoni ta' 1-aġġornament imressqa minn Ministru.

15.05.1998